European Securities and Markets Authority

# Linji gwida għall-awtoritajiet kompetenti u l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-UCITS

Linji gwida dwar il-kejl tar-riskji u l-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali għal ċerti tipi ta' UCITS strutturati

|ESMA/2011/197

# Il-Werrej

I. Ambitu 3
II. Definizzjonijiet 3
III. Għan 3
IV. Obbligi ta' konformità u rappurtar 4
V. Linji gwida dwar il-kejl tar-riskji u l-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali għal ċerti tipi ta' UCITS strutturati 4

## I. Ambitu

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-*awtoritajiet kompetenti* u *l-kumpaniji tal-ġestjoni tal-UCITS*.

## II. Definizzjonijiet

2. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, it-termini murija fil-korsiv għandhom it-tifsira definita fit-tabella ta' hawn taħt.

| | |
|---|---|
| *Awtoritajiet kompetenti* | Awtoritajiet maħtura skont l-Artikolu 97 tad-*Direttiva UCITS* |
| *Kumpanija tal-ġestjoni tal-UCITS* | kumpanija, li n-negozju regolari tagħha huwa l-ġestjoni tal-UCITS fil-forma ta' fondi komuni jew ta' kumpaniji ta' investiment (il-ġestjoni tal-portafoll kollettiv tal-UCITS) |
| *Direttiva UCITS* | Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (verżjoni riformulata) |
| *Linji Gwida Ġenerali* | Linji Gwida dwar il-Ġestjoni tar-Riskji u l-Kalkolazzjoni tal-Espożizzjoni Globali u r-Riskju Kontroparti għall-UCITS ippubblikati mill-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej (Ref. CESR/10-788) |
| *ESMA* | l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |

## III. Għan

3. Dawn il-linji gwida jissupplimentaw ir-rekwiżiti dwar il-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali relatata mal-istrumenti derivattivi fl-Artikolu 51(3) tad-*Direttiva UCITS* u l-Artikoli 40 sa 42 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE. Is-CESR kien tal-fehma li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu supplimentati b'aktar linji gwida dettaljati dwar il-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-metodu ta' kalkolazzjoni użat minn UCITS jista' jvarja b'mod sinjifikanti skont ir-regoli tal-Istat Membru tal-oriġini. Dan wassal għall-adozzjoni tal-*Linji Gwida Ġenerali* f'Lulju 2010.

4. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jipprovdu ċerti tipi ta' UCITS strutturati kif deskritti fil-linja gwida 1 b'reġim fakultattiv għall-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali permezz tal-approċċ ta' impenn.

## IV. Obbligi ta' konformità u rappurtar

### L-istatus tal-linji gwida

5. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament ESMA[1]. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti tas-suq finanzjarju għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

6. Il-linji gwida stabbilixxew il-fehma tal-*ESMA* dwar il-prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'żona partikolari. Għalhekk, l-*ESMA* tistenna li l-*awtoritajiet kompetenti u* l-parteċipanti kollha tas-suq finanzjarju li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom ikunu konformi mal-linji gwida, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw magħhom billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom, inkluż fejn il-linji gwida partikolari fid-dokument ikunu diretti primarjament lejn il-parteċipanti tas-suq finanzjarju.

### Rekwiżiti ta' rappurtar

7. *L-awtoritajiet kompetenti* għandhom jinnotifikaw lill-*ESMA* jekk humiex konformi jew jekk għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew jagħtu raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni.

8. *Il-kumpaniji ta' ġestjoni tal-UCITS* mhumiex mitluba li jirrapportaw jekk humiex konformi ma' dawn il-linji gwida.

## V. Linji gwida dwar il-kejl tar-riskji u l-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali għal ċerti tipi ta' UCITS strutturati

9. UCITS li jikkonformaw b'mod sħiħ mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 10 jistgħu jikkalkolaw l-espożizzjoni globali billi jużaw l-approċċ ta' impenn bil-mod deskritt fil-paragrafu 11.

10. Il-kriterji huma:

    a) l-UCITS tiġi ġestita u strutturata b'tali mod li fil-maturità tikseb ir-rikumpens definit minn qabel u żżomm il-ħin kollu l-assi meħtieġa sabiex tiżgura li dan ir-rikumpens definit minn qabel jintlaħaq;

    b) l-UCITS hija bbażata fuq formula u r-rikumpens definit minn qabel jista' jinqasam f'numru limitat ta' xenarji separati li jkunu dipendenti fuq il-valur tal-assi sottostanti u li joffru rikumpensi differenti lill-investituri;

[1] Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE.

c) l-investitur jista' jkun espost biss għal profil ta' rikumpens wieħed fi kwalunkwe ħin matul il-ħajja tal-UCITS;

d) l-użu tal-approċċ ta' impenn kif definit fil-*Linji Gwida Ġenerali* sabiex tiġi kkalkulata l-espożizzjoni globali għax-xenarji individwali huwa xieraq meta wieħed iqis ir-rekwiżiti tal-Kaxxa 1 tal-*Linji Gwida Ġenerali*;

e) l-UCITS għandha maturità finali li ma taqbiżx id-9 snin;

f) l-UCITS ma taċċettax abbonamenti ġodda mill-pubbliku wara l-perjodu inizjali ta' kummerċjalizzazzjoni;

g) it-telf massimu li tista' ssofri l-UCITS meta l-portafoll jaqleb minn profil ta' rikumpens wieħed għal ieħor għandu jkun limitat għal 100% tal-prezz tal-offerta inizjali; u

h) l-impatt tar-rendiment ta' assi sottostanti wieħed fuq il-profil tar-rikumpens meta l-UCITS taqleb minn xenarju wieħed għal ieħor ikun konformi mar-rekwiżiti tad-diversifikazzjoni tad-Direttiva UCITS abbażi tal-valur inizjali tal-assi netti tal-UCITS.

11. Il-metodu ta' kalkolazzjoni huwa l-approċċ ta' impenn kif definit fil-*Linji Gwida Ġenerali* iżda aġġustat kif ġej:

a) L-istrateġija ta' investiment ibbażata fuq formula għal kull rikumpens definit minn qabel tinqasam f'xenarji ta' rikumpens individwali.

b) L-istrumenti derivattivi finanzjarji implikati f'kull xenarju jiġu evalwati sabiex ikun stabbilit jekk l-istrument derivattiv jistax ikun eskluż mill-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali skont id-dispożizzjonijiet tal-Kaxxa 3 jew 4 tal-Linji Gwida Ġenerali.

c) Fl-aħħarnett, l-UCITS tikkalkula l-espożizzjoni globali tax-xenarji individwali sabiex tiġi evalwata l-konformità mal-limitu tal-espożizzjoni globali ta' 100% tal-NAV.

12. UCITS li jissodisfaw il-kriterji msemmija fil-paragrafi 10 (a), 10 (b), 10 (ċ) u 10 (d) ta' hawn fuq u li kienu awtorizzati qabel l-1 ta' Lulju 2011 mhumiex mitluba li jikkonformaw mal-Kaxxi 1 sa 25 tal-*Linji Gwida Ġenerali*, diment li jkunu konformi mar-regoli stabbiliti mill-*awtorità kompetenti* tal-Istat tal-oriġini tagħhom għall-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali.

13. Il-kumpaniji ta' ġestjoni tal-UCITS li jagħmlu użu mill-approċċ għall-kalkolazzjoni tal-espożizzjoni globali spjegat f'dawn il-linji gwida għandhom jiżguraw li l-prospett:

a) ikun fih informazzjoni kompleta dwar l-iżvelar tal-politika tal-investiment, l-espożizzjoni sottostanti u l-formuli tar-rikumpens b'lingwa ċara li tkun tista' tinftiehem b'mod ċar mill-investitur bl-imnut; u

b) jinkludi twissija ta' riskju prominenti li tinforma lill-investituri li jifdu l-investiment tagħhom qabel jimmatura li huma ma jibbenifikawx mir-rikumpens definit minn qabel u li jistgħu jsofru telf sinjifikanti.